

# Misraħ San Nikola snin ilu



Mario Fenech

Illum bħalma kienet minn dejjem, il-pjazza ewlenija tas-Siġġiewi għandha sehem importanti f'dak kollu li jseħħ fir-raħal matul is-sena.

Permezz ta' dan ir-ritratt ser naraw xena differenti tal-misraħ jew xi ftit qabel jew matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-faċċata tal-Knisja Arċipretali ta' San Nikola li nbniet fuq il-Pjanta tat-Tabib Nikola Zammit kienet tlestiet fis-sena 1864.

Biex sar dan ix-xogħol il-poplu tar-raħal kien għamel sagrifiċċji kbar u kien għalhekk li meta s-sħab ikrah tal-Gwerra beda riesaq lejn xtutna ġie deċiż li jiġi mibni dak li jissejjaħ *Blast Wall* mal-faċċata tal-knisja.



**Misraħ San Nikola, aktarx matul jew ftit qabel it-tieni gwerra dinjija**

Dan kien xi ftit ta' serħan tal-moħħ u nafu li kien jagħti riżultati tajbin. Eżempju ta' dan neħduh mill-knisja tal-Floriana li ma tilfitx għal kollox l-Istatwa Titulari ta' San Publiju meta waqgħet il-koppla tal-knisja bil-bombi tal-għadu għaliex quddiem in-niċċa kien hemm *blast wall*.

F'dan ir-ritratt nistgħu narawh sew peress li l-ġebel li ntuża huwa aktar ġdid minn dak tal-kumplament tal-faċċata tal-knisja.

Fuq in-naħa tax-xellug tar-ritratt, eżatt quddiem l-istatwa tal-ġebel ta' San Nikola, tidher grabja mdawwra b'ċint baxx (filata waħda) u xi ġebel mal-ġenb. X'aktarx li dak iż-żmien kien qiegħed jiġi mħaffer xelter komuni għal dawk li kienu jridu jistkennu fih waqt l-*air raids* li spiss kienu jsiru fuq Malta.

Wieħed jinnota wkoll li fuq kull naħa tat-tarag taz-zuntier tal-knisja hemm ħafna ġebel miġbur f'żewġ borgi. Jista' jkun li dan ukoll huwa sinjal li kien qiegħed jiġi mħaffer xelter għall-kenn ta' dawk in-nies li kienu jkunu fil-knisja meta jingħata l-*air raid warning*.

Fil-misraħ jidhru karrettuni biss. Vetturi xejn. L-ewwelnett dawn kienu għadhom mhux daqstant f'numri kbar f'Malta u t-tieni għaliex il-petrol kien skars ħafna waqt iż-żmien tal-gwerra.

Ninnutaw ukoll li dakinhar li kien ġie miġbud ir-ritratt kien jum fost il-ġimgħa, dan għaliex il-ftit nies li jidhru fil-misraħ huma lebsin bl-ilbies ta' kuljum għajr waħda biss bl-għonnella, filwaqt li l-mara li tidher fuq in-naħa tal-lemin tar-ritratt tidher għadha ġejja mill-għalqa bl-imgħażqa fuq spallejha. Dak iż-żmien il-Ħadd kien jum għall-knisja u s-serħan biss.

It-Tieni Gwerra Dinjija għall-Maltin kienet żmien ta' biża' li kien ikexkex lil kulħadd.

Illum ir-raħal tas-Siġġiewi għadu kwiet ħafna biċ-ċentru tal-attività kollha tar-raħal imdawra ma' misraħ San Nikola.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.